# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



**Ma' dil-ħarġa:**

**Ċeklist ta' l-għasafar ta' Malta**

*Erika*

BirdLife MALTA

40 years for birds

Klabb Ħuttaf

Numru 48 Jannar - Frar 2002

Il-Huttafa 48 • Jannar - Frar 2002

BirdLife MALTA

# EDITORJAL



### Għeżież Ħuttaf,

Dis-sena hija speċjali għall-BirdLife, għax dis-sena nagħlqu 40 sena! Yessss!

Il-BirdLife bdewha grupp żgħir ta' nies fid-29 Jannar 1962 - ilu koċċ ħux! Dak iż-żmien l-ambjent ħadd ma kien isemmih, u fil-fatt il-BirdLife kienet l-ewwel għaqda ambjentali f'Malta. Dak iż-żmien l-għaqda kien jisimha **MOS (Malta Ornithological Society)** għax *ornitoloġija* tfisser l-istudju ta' l-għasafar.

Għall-ewwel il-membri kienu ftit. Illum il-BirdLife għandha mat-3000 membru! Li tkun membru fil-BirdLife ifisser żewġ affarijiet

1. **li inti tħobb lin-natura**
2. **li inti trid tgħin lin-natura.**

Il-membri tal-BirdLife huma bħall-ħjut li jiffurmaw ħabel - weħidhom il-ħjut ma tantx jifilħu, imma flimkien jiffurmaw ħabel oħxon li jerfa' kollox! Għalhekk iktar ma l-BirdLife ikollha membri, iktar ikollna saħħa niddefendu l-għasafar u n-natura.

Per eżempju kieku ma kinitx il-BirdLife, postijiet bħar-riservi naturali ta' l-Għadira u s-Simar lanqas jeżistu! Flok l-Għadira kieku llum hemm triq u xi parking (b'xi palma ġo konka!), u flok is-Simar kieku llum hemm xi lukanda oħra (b'xi żewġ palmiet ġo konka!).

Imma l-BirdLife tħabtet u nefqet u ħadmet biex dawn il-postijiet isiru riservi fejn l-għasafar u annimali oħrajn ikollhom fejn jistrieħu u jgħixu fil-kwiet. Il-BirdLife trid tkun biex taħseb għall-bżonnijiet ta' l-għasafar.

U b'aktar membri nkunu nistgħu nagħmlu riservi oħrajn għan-natura.

Għalhekk ngħidilkom: jekk tħobbu n-natura, ibqgħu membri fil-BirdLife mhux sena jew sentejn, imma **ħajjitkom kollha**!

Caw ħbieb, u qisu li 40 sena oħra nerġgħu niċċelebraw flimkien!

Naħseb jien inkun bil-bastun però..!

Victor

**Victor Falzon**
Editur

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo

Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **21347646** Fax: **21343239** email: **info@birdlifemalta.org**
website: **www.birdlifemalta.org**
email tal-magazin: **ilhuttafa@birdlifemalta.org**

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem *BirdLife* f'din il-publikazzjoni jirreferi għal *BirdLife Malta*
Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' l-isem *Il-Ħuttafa* u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.
Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Erika** (ritratt ta' Victor Falzon)
Faċċata ta' wara: Il-Klieb *Wildlife of the Maltese Islands.*
Stampat: Poulton's Print Shop, Frar 2002
EURONATUR
Ħajr lil EURONATUR

## F'dil-ħarġa...

Editorjal 2
Aħbarijiet 3
X'għandna mid-Dinja? 4
Kompetizzjoni 48 4
Il-Venewwa 5
Gallerija 6
Kun berdwoċer 7
Ħuttafa tas-Sena 7
Sittsaqajn 7
Spot Natura 8
Xtrajnieħ! 8
Attività 8
Falkonati 9
Comb! 10
Mur aqbad klieb 11
Biex niċċajta 11
Daħħal membru 11
Ċeklist 11
Reġa' magħna! 12




Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin ***Il-Ħuttafa*** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# storjaritratti



"Darba waħda fil-Bajja ta' San Tumas niżlu disa' ċinji jistrieħu mill-vjaġġ twil li kienu għamlu...



F'daqqa waħda tfaċċat spidbowt ġejja tiġri. Ġo fiha kien hemm tliet kaċċaturi armati bis-snieter...



Dawn bdew jisparaw fuq iċ-ċinji, u qatlu ħafna minnhom. Iċ-ċinji waqgħu fil-baħar...



Imbagħad il-kaċċaturi ġabruhom bil-kumdità kollha, tefgħuhom fid-dgħajsa u saqu 'l hemm!"

Din l-istorja ġrat fl-20 Jannar li għadda. Żgur tafu biha, għax dawn it-tliet kriminali rawhom in-nies, ħadulhom ir-ritratti, u l-pulizija qabdithom u tellgħethom il-qorti. Issa nisperaw li jieħdu kastig kbir ħafna ta' dak li għamlu.

**Imma kemm hawn nies li jafu li bħal dawn iċ-ċinji jmutu miljuni ta' għasfar kull sena f'Malta u f'Għawdex bil-kaċċa?**

Ħbieb, dawn l-affarijiet għadhom jiġru f'pajjiżna għax ħafna Maltin mhux veru jimpurtahom min-natura. Nagħmlu ftit għaġeb, imbagħad ninsew kollox! Kieku veru jimpurtana, kieku ngħollu leħinna b'vuċi waħda u ngħajtu u nibqgħu ngħajtu **STOP!** sakemm min għandu jisma' jisma'! U jobdi!



# Sabu mostru!

Għadhom kemm sabu speċi ġdida ta' **klamar ġgant** (giant squid). Din l-ispeċi titwal madwar 7m, bit-tentakli tagħha twal madwar 10 darbiet daqs ġisimha. F'dawn l-aħħar snin, xjenzati rnexxielhom jaraw dan l-annimal xi tmien darbiet f'diversi nħawi: qrib il-Messiku, fl-Atlantiku, fl-Oċejan Indjan u anke fil-Paċifiku. Jaħsbu li din l-ispeċi hija membru tal-familja Magnapinnidae, li s'issa dejjem frieħ tagħhom li ntlemħu. Naturalment, dan ma jistgħux jikkonfermawh qabel ma jaqbdu wieħed minn dawn il-mostri u jistudjawh.

Il-fatt li fis-seklu 21 għadna qed niskopru annimali ġodda ta' daqs hekk kbir juri kemm għadna ma nafu xejn dwar l-oċejani tad-dinja!

**Il-baħħara minn dejjem ħolmu li jaqbdu klamar mostruż!**




# Tfew nar... b'nar ieħor!

**Is-sena l-ġdida ma tantx bdiet bit-tajjeb fil-belt ta' Sydney fl-Awstralja, pajjiż li dan l-aħħar kien fl-aħbarijiet minħabba n-nirien li ħakmuh. In-nirien f'Sydney huma l-agħar li rat din il-belt mill-1994 'l hawn. Minbarra li nħarqu iktar minn 150 dar u mietu eluf ta' ngħaġ, inqerdu wkoll mal-250,000 ettaru ta' foresta (daqs Malta tmien darbiet!) u min jaf kemm annimali nxtwew ħajjin!**

**Huwa maħsub li ħafna min-nirien tqabbdu min-nies stess. Biex ma jkomplux jinfirxu n-nirien, it-teffejja bdew iqabbdu b'mod ikkontrollat partijiet mill-foresta ħalli meta jaslu n-nirien il-kbar ma jsibux fjuwil x'jaħarqu...u jintfew!**



## KOMPETIZZJONI 48

*Norman Chetcuti*
*Something Fishy*

# Ġrieden u ħut!



Araw għandkomx il-ħila ssibu
- **9 ħutiet**
- **5 ġrieden** moħbijin fl-istampa!

Ħudu fotokopja ta' l-istampa, immarkaw l-affarijiet u ibagħtuhielna (in... Jew inkella mmarkawhom f... skenjaw l-istampa u ibagħt... email (paġna 2). Tinsewx is... Tqasqsux il-magażin għax ...

Ċans għandkom sa **20 Marzu 2002**. Min jirbaħ jingħata sett kartolini ta' l-għasafar.

### *Kompetizzjoni 47*

Ir-rebbieħ li rnexxielu jsib dak l-imbarazz kollu mormi fil-baħar kien **Gianluca Pollacco** minn San Ġwann. Gianluca rebaħ sett kartolini ġodda ta' l-għasafar. Prosit!

nittrumbjaw fuq...



Ghandna ġwinħajn wesgħin u ttir bil-mod.



**Ingliż: northern lapwing**
**xjentifiku: *Vanellus vanellus***

# *il-* *Venewwa*

**Fost l-għasafar tax-xitwa hemm dawk li jiġu f'Ottubru u jibqgħu sa Marzu. Imbagħad hemm speċi oħrajn li jitfaċċaw fix-xitwa u jew jibqgħu għaddejjin jew jibqgħu hawn xi ġimgħat jew anke xhur. Insomma, kull speċi għandha qisu arloġġ tagħha - u dak hu parti mis-sabiħ ta' l-għasafar u tan-natura in ġenerali.**

Il-venewwa hi speċi li tidher Malta fix-xhur tax-xitwa, imma diffiċli toħdilha kopja taż-żminijiet tal-passa. Numru żgħir ta' venew ipassi bejn Ottubru u Novembru u mbagħad f'Marzu, imma mhux l-ewwel darba li jidher ammont mhux ħażin ta' venew fl-eqqel tax-xitwa. Dan għaliex il-venew jippreferi jaħrab il-kesħa u meta x-xitwa fl-Ewropa tkun qalila (kif kienet din is-sena) dan jaqbad u jittajjar lejn artijiet iktar sħan. Mhux l-ewwel darba li f'Diċembru u Jannar jidhru qtajja' mdaqqsin ta' venew ipassu.

Il-venewwa hija għasfur mill-isbaħ. Għandha daharha aħdar skur ileqq, sider iswed tuta, u żaqq u għonq abjad. Fuq rasha għandha toppu wieqaf li jidher mill-bogħod. Peress li hi tajra tal-plajja, saqajha huma twal u tfittex l-ikel billi timxi u tnaqqi insetti u dud minn fuq il-ħamrija niedja jew ħaxix baxx. Għandha titjira xejn mgħaġġla u tħobb tittajjar fi qtajja' miftuħin. Spiss tgħajjat l-għajta karatteristika tagħha li tixbah "pii-wi" (hawn min ixebbaħha ma' trumbetta tal-logħob!). Għalhekk il-venewwa hija waħda mill-iktar għasafar li faċli nagħrfuha.

Tippreferi postijiet miftuħin u mingħajr siġar jew blat kbir u għalhekk f'Malta narawha l-iktar fl-għelieqi, fix-xagħri u fl-ajruport. Mhux l-ewwel darba li xi waħdiet iqattgħu parti mix-xitwa magħna, l-aktar fl-ajruport jew fuq Kemmuna. Fi żmien l-Ingliżi qtajja' mdaqqsin kienu spiss jidhru f'Ħal Far, li dak iż-żmien kien ajruport militari u allura magħluq u mgħasses sew. Berdwoċers li jiftakru dak iż-żmien jgħidu li ġieli raw qatgħa ta' 350 venewwa jqattgħu x-xitwa f'Ħal Far. Salvu, raġel li għex ħajtu kollha fuq Kemmuna (u li l-laqam tiegħu hu "Tal-Venew"!), jiftakar li meta kien żgħir qtajja' kbar ta' venew kienu kull sena jgħaddu ġimgħat u xhur jistrieħu u jieklu fuq ix-xagħri ta' dik il-gżira.



Il-liġi Maltija tħallik tispara fuq il-venewwa! Għaliex?!

Illum, bil-gwerra bla rażan li donnu l-poplu Malti iddikjara fuq kull biċċa art mhux mibnija, diffiċli naraw qtajja' hekk kbar ta' venew. Meta jidher narawh l-aktar ipassi fl-għoli jew għaddej minn fuq il-baħar. Kull sena xi venewwa jew tnejn iħobbu jgħaddu ftit żmien fir-riserva ta' l-Għadira.

U waqt li qed nikteb naf li l-Għadira bħalissa hemm waħda li ilha hemm diversi ġimgħat!

*Mark Anthony Falzon*



**Il-venew iħobb itir fi qtajja'.**

# Gallerija 3



**Albatross**
Mark Vella 10



**Żring**
Mark Busuttil 12



**Ajkla**
Amanda Cassar 10



**Begazzina tar-rokka**
David Attard 11



**Palma**
Clayton Mercieca 12



**Isfar**
Daphne Rizzo 9



**Ħuttafa**
Malcolm Scerri 8



**Russett Griż**
Arnold Sciberras 14



**Fekruna**
Nicolai Aquilina 11



**Ajkla Rjali**
Joseph Scerri 9

**Ibagħtulna t-tpinġija tagħkom. Basta natura (mhux pets), mhux bil-kulur, u iktbu isimkom, età u x'inhu l-annimal jew pjanta li tkunu pinġejtu. Kull stampa li nġibulkom trebbaħkom 3 punti fil-Ħuttafa tas-Sena 2002.**

MALTA WEB AWARDS 2001 WINNER

*Il-websajt tal-BirdLife rebħet id-Data Stream Malta Web Award għall-aħjar websajt ta' għaqda volontarja! Prosit lil ħabib tagħna Denis Cachia li jżomm il-websajt aġġornata kważi kuljum. Inti żortha l-websajt tal-BirdLife? Mela mur www.birdlifemalta.org*

KEMMUNET

**Ġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf u għalik POSTER ĠDID!**

# Kun berdwoċer!

**Pariri siewja biex tgawdi l-għasafar**



**Imġiba**

Jekk tmur mixja fil-kampanja, imxi bil-mod u bil-kwiet, ħares madwarek u ssemma'. Tinsix tagħti minn ħin għal iehor titwila 'l fuq lejn is-sema - ma tistax tgħid x'jista' jkun għaddej minn fuq rasek!

L-għasafar spiss jindunaw bina qabel ma nindunaw bihom aħna, imma ħafna drabi ma jtirux mill-ewwel, imma jibqgħu hemm iħufu għall-ikel, b'għajn waħda fuqna. Sakemm ma jħossuhomx mhedda, jissaportuna nersqu ftit lejhom, u dan importanti biex narawhom sew, nagħrfuhom u ngawduhom.

Kemm għasfur taraħ sew jiddependi minn kemm inti taġixxi b'kawtela. Jekk ma tridx tgerrxu, tagħmilx movimenti f'daqqa - anke t-tromba tellagħha bil-mod għal m'għajnejk. Jekk taħsdu, ċaw ċaw!

U naturalment, anke jekk int eċitat, QATT tiftaħ xi ħanġra ħalli tgħajjat lil sieħbek jiġi jara x'rajt!

*Michael Sammut*

# Ħuttafa tas-Sena 2001

Dawn kienu l-membri li ġew l-ewwel 10 fil-**Ħuttafa tas-Sena 2001**. Għat-tielet sena konsekuttiva, **Jürgen Pavanello** ħa l-ewwel. X'inhu s-sigriet ta' Jürgen?

| | |
|---|---|
| **Jürgen Pavanello** | **266** |
| **Dale Brincat** | **241** |
| **Juan Ellul Pirotta** | **135** |
| **Kyra Vassallo** | **128** |
| **Paul Calleja** | **123** |
| **Andy Attard** | **113** |
| **Emanuel Falzon** | **096** |
| **Clayton Borg** | **085** |
| **Cliff Sacco Decelis** | **076** |
| **Darren Dalli** | **068** |

Is-sigriet ta' sehibna Jürgen huwa li jdaħħal skoss membri fil-Klabb - is-sena l-oħra daħħal 8 membri. Kieku kull membru jagħmel bħalu, f'temp ta' tliet snin naqbżu n-nofs miljun membru!!! Żinnnnnn!



*Victor Falzon*

# sittsaqajn!

jikteb **Matthew Borg Cardona**

*Rokna ġdida għal min iħobb id-dinja ta' l-insetti.*



## Iż-Żanżun

Iż-żanżun (German wasp *Paravespula germanica*) jinsab kullimkien u huma wiehed mill-aktar żnażan komuni. Meta jkun wieqaf, il-gwinħajn jitwiehom mal-ġenb ta' ġismu. Huwa jgħix soċjalment, jiġifieri fi gruppi kbar, bir-reġina, ir-raġel u s-suldati jew ħaddiema.

Jagħmlu bejta tax-xema' bħal tan-naħal imma ma jipproduċux għasel. Fil-fatt dawn iż-żunżan ma jiklux nektar, imma jieklu annimali oħrajn bħal insetti u brimb. Il-bejta tista' tkun kbira ħafna u jkollha sa 12,000 ċella. Iż-żanżun jagħmlu l-bejta taħt l-art, u ġieli anke fid-djar. Il-bejta tintuża biss għal sena, għax f'Ottubru ħafna minn dawn l-insetti jmutu. Ir-reġina ma tmutx, imma toħroġ biex titgħammar ħalli tibda familja ġdida. Ħafna mil-bajd li tbid ir-reġina jsiru suldati.

Kolonja ta' żanżun jistgħu joqtlu sa 2kg ta' insetti - fost dawn hemm ħafna li jagħmlu ħsara lill-biedja. Meta l-insetti jibdew jonqsu aktar tard fis-sena, iż-żanżun idur għall-frott tas-siġar, u anke jdur mal-postijiet tar-rikrejazzjoni. Meta ma jsibux ikel, xi drabi jisirqu l-għasel minn bejtiet tan-naħal, u anke joqtlu ħafna naħal. Dan kultant joħloq problemi lil min irabbi n-naħal. F'ħafna nħawi tad-dinja, iż-żanżun huwa meqjus pest.

It-tingiża ta' dan l-insett tweġġa' ħafna, u tista' tkun fatali għal min hu allerġiku u ma jiħux kura mill-ewwel. Mhux hekk biss: meta tattakka l-vittma, iż-żanżun jagħmel riħa li meta jxommuha sħabu, jattakkaw huma wkoll fl-istess post.

Spot Natura

# Il-gamblu ta' l-għadajjar

**Jason Aloisio**




Victor Falzon

Wara li Settembru u Ottubru ħallewna nexfin qoxqox, ix-xhur ta' wara tawna ftit xita mhux ħażin. Il-kampanja bdiet bil-mod il-mod tistejqer min-nixfa tas-sajf u qalb il-blat tax-xagħri reġgħu ffurmaw għadd ta' għadajjar żgħar jew imdaqqsin. Għalkemm l-ilma ħelu ta' ġo fihom ma jdumx jeżisti aktar minn ftit xhur, f'dawn l-għadajjar jitrabbew diversi ħlejjaq żgħar li jinstabu f'dan it-tip ta' ambjent biss. Meta ssibu xi waħda minn dawn l-għadajjar, agħtu daqqa t'għajn mill-qrib lejha, u aktarx li tilmħu l-**gamblu ta' l-għadajjar**.



Il-gamblu ta' l-għadajjar huwa mir-razza tal-granċi. Jikber sa 3cm u għandu lewn kannella ħadrani, għalkemm ġieli jkollu lwien oħra wkoll. Huwa jgħum dejjem wiċċu 'l fuq, u jaqdef bi ħdax-il par saqajn. Saqajh jużahom ukoll bħala passatur biex mill-ilma jsaffi u jiekol pjanti mikroskopiċi.

Qabel ma l-ilma jinxef għal kollox, il-mara tbid għadd ta' bajd fit-tajn ta' qiegħ l-għadira. Dan il-bajd kapaċi jirreżisti s-sħana li tikwi l-art fis-sajf biex ma' l-ewwel xita tal-ħarifa, l-għadira terġa' timtela bil-ħajja.

Insomma, miraklu ieħor żgħir tan-natura!

# Xtrajnieh it-teleskopju!



**Hekk hu, ħbieb! Bis-saħħa tal-flus li ġbarna fil-Mixja Maratona 2001, fl-aħħar xtrajna t-teleskopju li konna qed infaddlu għalih - domna sempliċiment għax ma sibniex nixtru dak li ridna! Imma min jistenna jithenna, u ftit tal-ġranet ilu xtrajna wieħed ta' ditta tajba. It-teleskopju se narmawh fiċ-Ċentru ta' l-Għadira ħalli min iżur ir-riserva jkun jista' jara l-għasafar aħjar u eqreb. Il-BirdLife tgħid grazzi lil Klabb Ħuttaf ta' dan ir-rigal bżonnjuż!**

**F'ħarġa oħra nurukom xi ritratti tat-teleskopju.**

*Għid malajr għal 3 darbiet:*

# Se nimxu mixja sax-Xemxija!




*Tajjeb, mela narawk!!!*




Wara s-suċċess tas-sena li għaddiet, dis-sena se nerġgħu nagħmlu Mixja Maratona oħra. Dis-sena ddeċidejna li nerġgħu nieħdu l-istess rotta li ħadna s-sena l-oħra, għax jidher li kulħadd sabha komda! U mhux twila wisq: 11km biss.

**Bil-flus li niġbru issa rridu nixtru teleskopju ieħor, did-darba għar-riserva tas-Simar!**

Data: **Il-Ħadd 17 Marzu 2002**
Niltaqgħu: **Ħdejn il-Villa Rumana, ir-Rabat** fit-**8.30am**
Nispiċċaw: Fil-**Bajja tax-Xemxija**, għal xi **nofsinhar**
Etajiet: **Kollha!** Ġibu ħbieb, aħwa u ġenituri. Kulħadd merħba bih, basta lest li jimxi!
*Ġibu jekk tridu xi ħaġa żgħira x'tieklu - titgħabbewx wisq, użaw basktijiet tad-dahar biex idejkom tkunu tistgħu tbandluhom fil-mixi!*

**Hemm rigali għal min jipparteċipa? U żgur li hemm! Fittxu fl-iSponsorsheet ma' dil-ħarġa tal-*Ħuttafa*. U bil-ħaqq, did-darba r-rigali se nqassmuhom dakinhar stess tal-mixja, meta naslu x-Xemxija!**

attività





## Bajk ħajk (13+)

Nibdew mill-Mosta, nitilgħu sa l-iMġarr, u lura l-Mosta. Triq qasira biex żgur li ħadd ma jegħja. Min irid jista' jġib ir-rota tiegħu, u min irid jista' jikriha (xi Lm1.75). Dawk li se jikru, l-aħjar iċemplu l-uffiċċju tal-BirdLife biex jibbukkjaw.
Data: **Is-Sibt 6 April 2002**
Niltaqgħu: **8.30am Bieb il-Belt** jew **9am ħdejn il-knisja tal-Mosta**

Ħbieb Falkuni,

Fix-xaharejn li għaddew, attività waħda biss kellna uffiċjali, u peress li kienet ix-xita kellna... le, mhux nerġgħu nippostponuha, imma kellna nivvintaw xi ħaġa oħra. U ivvintajna tafux. Flok is-Simar tlajna Għawdex nimxu. U mxejna xi ħaġa, għax sa filgħaxija wasalna sa taħt Tal-Ġordan. Għajjejna kważi mejta: ma flaħniex nagħmlu pass ieħor, għalhekk, wara li avżajna lil tad-dar, ċempilna lil wieħed ħabib tagħna Mario li jgħix Għawdex biex jiġi jiġborna. U mn'alla kien hu għax ħadna u għamlilna platt għaġin għal żaqqna, u friskatur ilma shun bil-melħ għal saqajna!!!

Straħna u rqadna, u l-għada komplejna nimxu. Spiċċajna dorna madwar Għawdex kollu!

Apparti din l-avventura, kellna diversi laqgħat oħrajn bejnietna. Fit-12 Jannar ngħaqadna ma' studjużi oħrajn tal-BirdLife u morna nagħmlu roost count taz-zizka bojod, fejn irnexxielna ngħoddu 2768 zakak. Wara morna badger carting u b'kollox konna 10 min-nies. Tgħidx kemm ħadna gost - għall-ewwel soqna bil-mod, imma malajr tgħallimna - iġri nerġgħu mmorru!

Għandna l-pjaċir ninfurmawkom li wara waqfa ta' 5 snin, il-Kumitat tal-Falko reġa' beda jiltaqa', naturalment issa b'nies ġodda. Il-membri huma Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, André Callus, Joanna Ellul, Franco Farrugia, Graziella Grech, Simon Sultana u jien. Iltqajna ċ-ċentru tal-BirdLife u fassalna l-pjan ta' l-attivitajiet li jmiss, u kif nistgħu nħajru aktar żgħażagħ 13+ bħalkom jiġu għall-attivitajiet.

Mela fittxu niżżlu l-attivitajiet fid-djarju tagħkom, u narawkom!

*justin*

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

## Għall-borok (13+)

Il-qamar kwinta ta' Marzu jġib miegħu l-passa tal-borok, u għall-ħames sena konsekuttiva, aħna tal-Falko sejrin nittrumbjawlhom. Garanzija ma nagħtux, għax jekk jinzerta riħ probabbli ftit naraw. Imma jekk ikun temp tajjeb jaf naraw 'il fuq minn elf borka!!
Data: **Il-Ħadd 31 Marzu 2002**
Niltaqgħu: **5.50am Bieb il-Belt** jew **6.45am il-venda ta' l-Għadira**



rapport

## ħajk ix-Xemxija

Il- Ħadd 2 Diċembru 2001 iltqajna ħdejn il-knisja tax-Xemxija għal xi t-8am. Konna xi 10 żgħażagħ u 2 leaders. Bdejna mixjin bil-mod fuq l- irdum, nieħdu gost nammiraw il-ġmiel ta' kampanja li konna għaddejjin minnha.

Wara xi hin nimxu waqafna nistrieħu ġo bini antik ta' l-Ingliżi. Wara ftit komplejna l-mixja fuq l-irdum, fejn qgħadna nittrumbjaw fuq xi gawwi li kien hemm itir fuq il-fixfarms. Sadanittant bdejna neżlin lejn is-salini tal-melħ li illum m'għadhomx jintużaw. Aħna u neżlin kellna nħabbtu wiċċna ma' xi rġiel fuq l-iskremblers li għaddew jgħaffġu u jkissru minn fuq ix-xagħri.

Dan ma kienx kollox għax hekk kif inżilna fil-bajja rajna dawk li għall-ewwel dehru li kienu papri jgħumu ġo salina minnhom. Però kif ersaqna aktar qrib indunajna li kienu papri *decoys*, uħud minnhom tal-plastik u oħrajn ħajjin li kienu qed jintużaw minn kaċċaturi biex iħajru papri oħra jersqu lejhom. Barra min hekk, dawn il-kaċċaturi kienu qed jużaw xi kasett rikorders bi ħsejjes tat-tajr - dawn huma kollha affarijiet illegali. Kien f'dan il-mument li rajna qatgħa ta' 18-il brajmla t'għajnha bajda (ferruginous ducks). Il-kaċċaturi sparaw diversi tiri fuqhom però ma laqtu l-ebda waħda minnhom.

Wara dan kollu komplejna l-mixja tagħna - għaddejna mill-Mistra u wara minn fuq Irdum il-Bies, fejn rajna speċi ta' bebbuxu li tgħix fuq din il-blata biss. Fl-aħħar nett tlajna Fort Campbell, fortizza ta' l-Ingliżi mitluqa, fejn qgħadna nilagħbu u nistrieħu. Fl-aħħar morna fuq l-istejġ biex naqbdu tal-linja lura.

André Calus




Justin Vassallo

 għali ambjentali



# Ċomb!

Elisabeth Conrad

**Iċ-ċomb huwa metall komuni ħafna li ilu jintuża għal mijiet ta' snin. F'dawn l-aħħar snin sirna nafu li-ċomb huwa perikoluż ħafna għas-saħħa, speċjalment fit-tfal ta' bejn is-6 xhur u s-6 snin. Fl-Amerka per eżempju, wieħed minn kull sitt itfal taħt l-età ta' 6 snin ibatu minn *lead poisoning*. Malta wkoll għandha livell għoli ħafna ta' ċomb fid-demm.**

## mill-petrol

Minn fejn jiġi ċ-ċomb ġo fina? Wieħed mis-sorsi ewlenin huwa l-petrol. Il-petrol fih innifsu ma fihx ċomb, imma ċ-ċomb jiżdiedlu biex il-magna taħdem aħjar.

Imma b'xorti tajba daż-żmien ħafna karozzi qed jaħdmu b'petrol bla ċomb (*Unleaded Petrol*), u l-karozzi ġodda fil-fatt kollha hekk qegħdin joħorġu. Bil-liġi! Minħabba f'hekk, l-użu ta' petrol biċ-ċomb naqas anke f'Malta f'dawn l-aħħar snin. Terġa' minn dis-sena stess, l-*Unleaded* sar irħas minn petrol biċ-ċomb - din hija ħaġa tajba, għax ifisser li l-petrol bla ċomb issa jkun iktar popolari għax wieħed ikun jaqbillu anke għall-but - sfortunatament ħafna nies s'hemm jifhmu, u li ċ-ċomb qed imarrad il-moħħ ta' ħafna tfal bil-mod il-mod ma tinkwetahomx, forsi għax l-effetti ma tarahomx b'għajnejk!

## miż-żebgħa

It-tieni sors huwa ż-żebgħa. Fis-snin Erbgħin u Ħamsin, l-użu ta' żebgħa b'bażi ta' ċomb kien għadu komuni ħafna. Il-problema b'din iż-żebgħa hija li frak fin tiegħu faċli jitħallat ma' trab irqiq li jkun hemm fl-arja, u dan faċilment iddaħħlu fil-pulmun man-nifs. Imma f'Malta l-ikbar problema taċ-ċomb miż-żebgħa mhijiex din. Hija d-drawwa li l-furnara għadhom jaħarqu njam miżbugħ, minkejja li dan huwa illegali. Iktar u iktar għandna għalfejn ninkwetaw b'din il-biċċa, għax dan qed isir proprju ġol-forn fejn ikunu qed jaħmu l-ħobż. Imbagħad nikluh..!

## mill-iskrataċ

Sors ieħor li l-ebda gvern m'għadu pprova jikkontrollah huma t-tunnellati ta' ċomb li jaqgħu bħal xita fil-ħamrija matul l-istaġun tal-kaċċa! Iva, l-iskrataċ li jisparaw il-kaċċaturi jkunu mimlijin blalen żgħar taċ-ċomb. Dak iċ-ċomb li ma jolqotx l-għasfur jaqa' fil-ħamrija. Min jaf x'veleni jerħu minn dan iċ-ċomb għal ġol-ħamrija, li mill-ġdid tista' tispiċċa fil-ħxejjex u l-prodotti. U mbagħad, mill-ġdid, aħna nikluhom! Hawn pajjiżi li għaddew liġijiet li flok ċomb fl-iskrataċ jintużaw blalen ta' l-azzar. Imma f'Malta għadna 'l bogħod minnha dil-ħaġa.

## mard...

L-effetti taċ-ċomb fuq saħħitna jistgħu jkunu diversi. Fit-tfal jista' jirriżulta f'diżabiltajiet li jagħmluha diffiċli għat-tfal biex jitgħallmu jiktbu u jaqraw, f'difetti fit-taħdit, f'intelliġenza baxxa, u fi żvilupp mentali baxx. L-ivvelenar biċ-ċomb jista' joħloq problemi tal-qalb u tal-kliewi, u f'ċerti każi jista' jwassal anke għall-mewt.



**Għad m'għandniex idea xi ħsara jagħmel iċ-ċomb li joħroġ mill-iskrataċ tal-kaċċa**



# mur aqbad ktieb

## Greenpeace




Miktub minn Paul Brown
Exley Publications, 1993

F'dal-ktieb insibu l-istorja tal-Greenpeace, għaqda li tiġġieled kontra l-ħsara li l-bniedem qiegħed jagħmel fuq l-ambjent. Din l-għaqda ma żżomm ma' l-ebda partit politiku u ma temminx fil-vjolenza.

Fl-1971 tnax-il voluntier Kanadiż telqu fuq dgħajsa biex jippruvaw iwaqqfu bomba nukleajri milli tisplodi. Ħadd qabel ma kien ħa riskju bħal dan. Dan il-vjaġġ kien il-bidu tal-Greenpeace, li llum għandna ma' l-erba miljun membru, li kollha jemmnu fl-istess għan.

Voluntiera tal-Greenpeace jissugraw ħajjithom meta jduru mad-dinja biex isalvaw balieni, dniefel u foki. Iwissu mhux ftit biex skart tossiku ma jintefax il-baħar u biex l-iskart nukleari ma jintremiex bl-addoċċ. Naraw ukoll kif membri qalbiena ta' din l-għaqda lesti li jaslu anke sa l-Antartika biex jipproteġu l-pingwini u l-ambjent safi ta' dak il-post meraviljuż.

Bix-xogħol tagħha l-Greenpeace qed jirnexxilha tifthilna għajnejna biex ma nkomplux neqirdu lilna nfusna u lid-dinja li qed ngħixu fiha.

*Janet Gerardi*

*Dal-ktieb issibuh ukoll għas-self mil-Librerija Publika tal-Furjana*



# Żammejnieha l-wegħda!

Kif wegħednikom, ma' dil-*Ħuttafa* qed nibagħtulkom ***Ċeklist ta' l-Għasafar ta' Malta***.

Ħafna berdwoċers iżommu rekord ta' x'għasafar ikunu raw, u ċeklist qiegħda proprju għalhekk. Din tkun lista ta' l-għasafar kollha li s'issa dehru f'Malta. Ħdejn kull isem għandkom kaxxa biex timlewha meta dak l-għasfur tkunu rajtuh. Fil-lista hemm 377 speċi, u għandkom tkunu tafu li s'issa ħadd għadu ma għaqqad il-lista kollha - skoss minnhom huma rarissmi u dehru darba waħda jew ftit drabi biss. Imma taqtgħux qalbkom! U ftakru li biex għasfur jgħodd, tridu tkunu rajtuh ħaj u fis-selvaġġ.

Il-BirdLife qed tqassmilkom diċ-ċeklist bħala rigal żgħir tifkira ta' l-erbgħin sena! Nisperaw li din tħajjarkom toħorġu iktar tagħmlu berdwoċing.

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u int tieħu

- Tliet pitazzi
- Stiker bil-kulur
- 8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena



Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________ postcode __________

Data tat-twelid __________ Telefon __________ email __________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________ postcode __________

Membership number __________ Telefon __________ email __________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 34 bolla tas-6ċ

# Xbajna ngħidu "Sorry spiċċa!"




**Għalhekk l-aqwa ktieb fuq in-natura erġajna stampajnieh, fuq karta aħjar u b'qoxra ġdida!**

- **985 speċi ta' flora u fawna Maltija!**
- **336 paġna ppakkjati tagħrif!**
- **271 tpinġija bil-linka!**
- **42 paġna mimlijin pittura bil-kulur!**
- **9 esperti li kitbuh!**
- **3 artisti li pinġewh u pittruh!**
- **1 ktieb uniku li ma jistax ma jkollokx!**

**Jekk tixtruh mir-riservi tal-BirdLife, tkunu qed tgħinu lill-istess natura!** **Prezz: Lm7.50**